MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 75/2010

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 2381/07 fl-ismijiet:**

**Saint James (Capua) Hospital Limited**
**Vs**
**Mary Doris Cassar**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Gunju, 2010**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Mary Doris Cassar nhar it-tmienja (8) ta' Marzu 2010 fejn ippremettiet is-segwenti:-

'*Illi s-socjeta Saint James (Capua) Hospital Limited kienet ottjeniet il-hrug tal-mandat surreferit wara l-ittra ufficcjali datata 4200/2007.*

*Illi l-esponenti kienet ipprezentat it-twegiba taghha ghal din l-ittra entro t-terminu stipulat mil-ligi pero' minkejja*

*dan, bi zball tar-Registratur tal-Qorti, dina l-ittra ufficcjali giet dikjarata titolu ezekuttiv fil-konfront tal-esponenti.*

*Illi ulterjorment is-somom depositati mill-bank HSBC Bank (Malta) p.l.c gew ukoll debitament restitwiti lill-esponenti u dan in vista tal-izball surriferit u wara li sar id-debitu rikors.*

*Illi ghaldaqstant jezistu ragunijiet serji fil-ligi sabiex l-imsemmi mandat jigi revokat fil-konfront tal-esponenti.*'

Illi konsegwentement talbet li *'din l-Onorabbli Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 2381/2007 fil-konfront tal-esponenti u dana skond dawk il-provedimenti u/jew ordnijiet kollha necesssarji u/jew opportuni skond il-ligi.'*

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Mejju 2010 fejn appuntat r-rikors ghas-smiegh ghal nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Mejju 2010 u sabiex ir-rikorrenti tharrek lil Marixxal Mario Mizzi sabiex jidher quddiemha u jispjega it-timbru.

Rat illi nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Mejju dehru l-avukati tal-partijiet Dr. Philip Magri ghar-rikorrenti u Dr Anthony Cremona ghas-socjeta' intimata Saint James (Capua) Hospital Limited, fejn iddikjaraw li huma jaqblu li r-rikorrenti odjerna pprezentat risposta ghall-ittra ufficcjali tas-socjeta' intimata Saint James (Capua) Hospital Limited entro t-terminu moghti mil-Ligi u li ghalhekk l-ittra ufficcjali relattiva numru 4200/2007 qatt ma kellha tinghata titolu esekuttiv.

Rat ukoll li s-socjeta' intimata qed toggezzjona li thallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u dawk tal-hrug ta' kontro-mandat peress li l-izball in kwistjoni huwa wiehed tar-Registratur tal-Qorti.

**Ghaldaqstant il-Qorti rat li l-partijiet jaqblu li qatt ma messu kien hemm titolu esekutttiv fuq l-ittra ufficcjali numru 4200/2007 u dan ghaliex ir-rikorrenti kienet ipprezentat risposta fit-terminu moghti fil-Ligi u ghalhekk filwaqt li tordna l-kancelliment tat-titolu esekuttiv fuq l-ittra ufficcjali, <u>tilqa' t-talba rikorrenti u</u>**

**<u>tordna ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 2381/2007 fl-ismijiet Saint James (Capua) Hospital Limited vs Mary Doris Cassar.</u>**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri u dawk tal-hrug tal-kontro-mandat ikunu bla taxxa.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------